Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/5167

19.9.2025

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) (2025/1913) [1] u (UE) 2025/1914 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2025/5167)

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġiżlaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu.

[1] ĠU L, 2025/1913, 19.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1913/oj.
[2] ĠU L, 2025/1914, 19.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1914/oj.